MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 21/2004/1

**Anthony u Maria Mercieca**

**vs**

**Lauren Rose Portelli**
**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera CGU Assurance**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Settembru 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta' hames mitt lira Maltin

(Lm500) liema ammont jirrapprezenta hlas ta' danni sofferti f'incident awtomobilistiku bejnietkom nhar is-sitta (6) ta' Awwissu, elfejn u tlieta (2003) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data (8%) ta' l-ittra ufficcjali spedita lilkom f'ta' Novembru, elfejn u tlieta (2003) sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilek f'Novembru elfejn u tlieta (2003).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga ingunti."

Ra r-risposta:

"1. Illi l-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt;
2. Illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-attur minhabba illi naqas illi josserva ir-regolamenti tat-traffiku, minhabba illi naqas illi jzomm a proper look out; minhabba illi naqas li jaghti senjalazzjoni f'hin opportun tal-intenzjoni tieghu illi jikser fuq il-lemin tieghu; u minhabba illi saq b'manjiera traskurata;
3. Illi ghalhekk il-konvenuti ma humiex tenuti jhallsu l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident;
4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal presuespost, il-prezenza ta' GasanMamo Insurance Agency Ltd f'dawn il-proceduri hija ghal kollox superfluwa, u l-ispejjez zejda inkorsi b'tali prezenza ghandhom jigu sopportati unikament u esklussivament mill-attur.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi

Ikkunsidra:

Ma hemmx kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-incident fiha nfisha u cioe' li l-vetturi tal-partijiet kontendenti kienu qabel l-incident qeghdin jinstaqu wara xulxin fi triq dritta li fin-nofs kella linja bajda maqtugha. L-attur ried jidhol fir-

raba tieghu fuq il-lemin tat-triq. Huwa kiser lejn il-lemin. Il-konvenuta f'dak il-hin ippruvat tissorpassa lill-attur u ghalhekk sehhet il-habta. Halliet 14-il metru brake-marks li jfisser li kienet issuq b'velocita' ta' 48 kilometru fis-siegha.

Tista' tghid l-uniku diverbju bejn il-partijiet huwa dwar l-indikazzjoni *o meno* li ta l-attur huwa u jikser lejn il-lemin.

*A tempo vergine*, jinstab ivverbalizzat fir-rapport tal-pulizija li l-konvenuta qalet hekk: *kont gejja … wara l-vettura BBH 168 meta ddecidejt li naqbzu, u meta kont kwazi fil-gemb tal-vettura BBH 168 dan gibed fuq il-lemin tieghu biex jidhol f'yard li hemm f'ghalqa. Nghid li xeghel is-sinjal tal-indikazzjoni biss meta kont qieghda ma gembu, u ghalkemm kont pronta li applikajt il-brejk, ma stajtx nevita l-habta.* Min-naha tieghu, l-attur stranament ma jsemmix li ta' xi preavviz tal-manuvra tieghu: *… gbidt fuq il-lemin tieghi biex nidhol f'yard li ghandi f'ghalqa. Hassejt daqqa qawwija fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghi, u sibt li l-vettura LRN 382 habtet mieghi.*

Fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal, l-attur semma ghall-ewwel darba li xeghel l-indicator. Qal ukoll li *x'hin harist minn gol-mera ma rajt lil hadd gej.* Imbaghad rega' qal li hass id-daqqa fuq wara.

Kemm l-istqarrija quddiem is-surgent relatur tal-iskizz u rapport tal-incident kif ukoll ix-xhieda tal-konvenut ma jhallu l-ebda dubbju li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper look-out.* Huwa stess jammetti li nduna bil-vettura tal-konvenuta biss meta hassha tahbat mieghu; u li meta (skond hu) hares lura, fi triq dritta xemgha, ma ra lil hadd.

Il-konvenuta fix-xhieda taghha sostniet ezatt dak li qalet a tempo vergine anke ghar-rigward tal-indicator.

Rinfaccjat bejn dawn iz-zewg verzjonijiet konfliggenti, it-Tribunal irid jara jekk hemmx xi wahda minnhom li hija iktar kredibbli u verosimili, u dan fuq il-bilanc tal-probabiltajiet. Fuq naha wahda hemm ix-xhieda

konsistenti tal-konvenuta. Fuq in-naha l-ohra hemm l-attur li ex admissis ma kienx qieghed izomm a proper look-out, li ma semmiex li xeghel l-indicator a tempo vergine imma semmieh l-ewwel haga fix-xhieda tieghu qudiem it-Tribunal. Huwa bl-ebda mod ma kkontradica lill-konvenuta fl-allegazzjoni centrali taghha li l-indicator xeghlu prattikament fil-hin li sehhet il-habta. Fl-istess waqt ma qalx f’liema moment xeghel l-indicator. Dan kollu jwassal lit-Tribunal biex jikkunsidra li l-verzjoni tal-konvenuta hija fededenja u ghalhekk qieghed jaccettaha. Ma hemmx ghalfejn jigi ripetut dak li ntqal elokwentement b’awtorita’ mill-Qrati taghna, fis-sens li l-fatt li wiehed jixghel l-indicator mhux brevet ta’ immunita’, u ma jezentax lis-sewwieq mill-obbligu li jara li l-manuvra tieghu ma tkunx sejra tostakola l-libera cirkolazzjoni tal-vettura l-ohra li jkun hemm fit-triq.

Ma hemm xejn x’jiccensura fis-sewqan tal-konvenuta li kienet qieghdha taghmel manuvra legittima ta’ sorpass fi triq dritta fejn kien hemm linja bajda diskontinwa u fejn ma kien hemm l-ebda junction. L-anqas jirrizulta li kienet qieghda ssuq b’velocita’ eccessiva jew inkonsulta fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Is-sewqan kien qieghed isir f’inhawi mhux mibnija.

It-Tribunal huwa kkonfortat ukoll mir-*res gestae* partikolarment mill-post fejn il-vetturi habtu ma’ xulxin: il-konvenuta habtet l-ewwel fuq in-naha ta’ wara tal-gemb lemini tal-vettura tal-attur u baqghet titkaxkar mieghu. Dan jindika li l-konvenuta ma kinitx qieghda tipprova tissorpassa vettura li kienet diga’ qieghdha ddur, imma vettura li bla preavviz, *ex abrupto*, bdiet iddur hekk kif hija kienet qieghda ssuq kwazi magembha.

Fl-ahharnett sewwa eccepiet is-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited li giet imharrka superfluwament, billi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur, u ghalhekk qieghdha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u l-ispejjez konnessi mas-sejha taghha fil-kawza huma a kariku tal-attur.

In vista tal-konsiderandi suesposti, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta l-ohra Lauren Rose Portelli, u konsegwentement jichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra tieghu."

Minn din is-sentenza appella l-attur Anthony Mercieca bl-aggravju li jikkonsisti prettament f' kontestazzjoni ta' l-apprezzament li ghamel it-Tribunal tal-provi prodotti. Fil-qosor, jissottometti li kien skorrett it-Tribunal meta wasal ghal konkluzjoni li jaccetta l-versjoni tal-konvenuta meta, ghal kuntrarju, it-tort kellu jkun attribwibbli lilha minhabba sewqan eccessiv u nuqqas taz-zamma ta' "*proper look out*";

Huwa pacifiku illi fis-sistema tal-ligi taghna in materja ta' kollizjonijiet ma tezistix, bhal ma tezisti taht il-Kodici Civili Taljan (art. 2054), illi fil-kaz ta' skontru bejn zewg vetturi, u salv prova kuntrarja, il-presunzjoni li kull wiehed mill-konducenti jikkonkorri ugwalment fil-produzzjoni tad-dannu. Fis-sistema taghna jokkorri li l-kolpa tigi accertata mill-evalwazzjoni tal-fattispeci tal-kaz partikolari u l-istabilizzar ta' ness ta' kawzalita` bejn il-manuvri reciproci u l-event dannuz. F' din ir-ricerka jenhtieg li jigi individwat jekk kull wiehed mis-sewwieqa uniformax ruhu ghar-regolamenti tat-traffiku u r-regoli tal-prudenza komuni. Minn dan jitnissel illi d-determinazzjoni ta' xi inosservanza da parti ta' wiehed mis-sewwieqa ma tiddispensax lit-tribunal adit milli jivverifika wkoll il-kondotta tas-sewwieq l-iehor. Dan, s' intendi, ghall-fini li jigi stabbilit jekk in rapport ghas-sitwazzjoni tal-fatt accertat jissussistix il-konkors ta' htija, jew kontributorjeta` ghall-akkadut. Jew, invece, fuq l-apprezzament tal-provi, tirrizultax kondotta kolpuza esklussiva ta' wiehed biss fost il-konducenti;

F' dan il-kaz it-Tribunal fuq il-provi prodotti wasal ghall-konvinciment illi r-responsabilita` ghas-sinistru kellha tigi addossata unikament fuq l-appellanti. Din il-Qorti rriezaminat dawn l-istess porvi u tista' tghaddi biex

taghmel is-segwenti osservazzjonjiet in meritu wara li tistabbilixxi l-fatti saljenti:-

(1) L-incident imsemmi fl-avviz sehh fi triq principali bejn zewg vetturi sejrin fl-istess direzzjoni mir-Rabat ghan-Nadur. Jinghad li din it-triq hi twila u dritta. L-attur appellant jghid li f' din it-triq fuq il-lemin tieghu kellu l-ghalqa li fiha ried jaccedi. Jistqarr li xeghel l-*indicator* biex jikser ghal fo fiha u li meta hares mill-mera ma ra lil hadd gej (fol. 12). Jghid ukoll li hekk kif kien ser jidba jdur hass daqqa fuq wara;

(2) Minn naha taghha l-konvenuta (fol. 24) tiddeponi li hi kienet qed issuq wara l-attur bi *speed* ta' 50 kilometru fis-siegha meta ddecidiet li taghmel sorpass. Tghid ukoll illi meta waslet vicin il-vettura ta' l-attur dan xeghel l-*indicator* izda ma lahqetx zammet il-*brake*. Fil-fatt kif jirrizulta anke mill-iskizz il-vettura tal-konvenuta halliet erbatax (14) il metru *brake marks*. Hi laqtet il-karozza ta' l-attur bin-naha tal-parti xellugija ta' quddiem tal-vettura taghha;

(3) Indubitament fin-nuqqas ta' provi ohra okkulari jassumi mportanza determinanti l-iskizz preparat mis-surgent, esebit a fol. 30, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet rilaxxjati *a tempo debito* miz-zewg sewwieqa;

(4) Minn dan il-kwadru tal-fatti difficilment tista' tigi accettata l-kontenzjoni ta' l-appellant illi hu ma kellux htija. L-ewwel nett hu kien messu nduna bil-vettura tal-konvenuta kieku tassew hares mill-mera. Il-konfigurazzjoni tat-triq kienet tippermettilu li jaraha warajh kieku tabilhaqq hares, u hares sew, qabel ma ddecieda li jitraversa ghan-naha l-ohra tat-triq. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur mhux verament hares mill-mera ghax huwa mpossibbli li ma jintebahx b' vettura qed tavvicinah bl-i*speed* li kienet qed tinsaq. Huwa kien fid-dmir ukoll li jaghti senjalazzjoni adegwata biex, jekk xejn, jassikura li ta' warajh tara s-sinjal tieghu indikanti li ried idur fuq il-lemin tieghu ghan-naha l-ohra tat-triq. It-Tribunal ma emminx li l-attur xeghel l-*indicator* fil-hin opportun li kellu jaghmel dan izda se mai hu ghamel dan meta l-vettura tal-

konvenuta kienet kwazi lehqitu u gja bdiet biex taghmel il-manuvra tas-sorpass;

(5) Ma jistax ikun kuntestat illi l-konvenuta kellha d-dritt f' arterja principali, fi triq dritta, li tittanta taghmel sorpass meta dan ma kienx vjetat lilha mir-regolamenti. L-uniku obbligu taghha kien dak li tivverifika illi qabel taghmel din il-manuvra tivverifika sew ic-cirkostanzi prezenti quddiemha, senjatament li t-triq kienet libera, u li setghet taghmilha b' mod li tibdiha u ttemma bla riskju;

(6) Huwa veru li l-vettura tal-konvenuta halliet *brake marks* ta' erbatax-il metru. Certament din hi prova materjali ta' siwi li ghandha piz u valur ghax taghti indikazzjoni tal-velocita tas-sewqan tal-konvenuta. Hemm pero` spjegazzjoni ohra. Evidentement il-konvenuta allarmat ruhha bil-fatt li fil-kors tal-manuvra tas-sorpass l-attur *ex abrupto* holqilha ostakolu inaspettat. Kien ghalhekk li ghafset il-*brakes* biex tipprova tarresta l-vettura taghha qabel din habtet ma' l-ostakolu li pprezenta ruhu quddiemha;

(7) L-attur, li fuqu kien jinkombi l-piz tal-prova, ma rnexxielux jiddemostra sodisfacentement li l-konvenuta kienet qed issuq b' velocita` eccedenti l-i*speed* regolamentari konsentit ghal dik il-parti tat-tirq. Dippju, lanqas ma gab raguni plawsibbli ta' xi sewqan imprudenti da parte ta' l-istess appellata;

(8) Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenuta kif spiccat wara l-habta hi aktar indikattiva ta' trajettorja ta' min hareg minn posizzjoni vicin sew il-vettura ta' l-attur u fuq il-lemin tieghu meta kienet qed taghmel is-sorpass. Turi wkoll li l-attur kien qed jibda jdur minn naha ta' gewwa biex jibda jitraversa t-triq fil-mument li qala d-daqqa. B' din il-manuvra nkonsulta holoq ostakolu ghall-vettura ta' warajh li hu *ex confessis* jistqarr li qatt ma nduna biha qabel. Dan kollu jiffavvorixxi aktar il-versjoni ta' l-appellata u jaghmilha aktar attendibbli u kredibbli;

(9) F' dan ix-xenarju – l-ammissjoni li ma rax il-karozza tal-konvenuta warajh meta deherlu li kellu jaqsam

(fol. 13), l-ammissjoni li kien biss hekk kif appena beda jdur li giet id-daqqa – il-versjoni ta’ l-appellant kienet certament tenhtieg sostenn ferm akbar biex tkun accettabbli u verament kredibbli;

(10) Wara li qieset bir-reqqa l-assjem tar-rizultanzi processwali u qieset is-sottomissjoni maghmula, il-Qorti ssib li kienet il-kondotta ta’ l-appellanti, bl-ostakolu inaspettat li l-attur qieghed quddiem il-konvenuta minghajr preavviz adegwat, li kien il-fattur determinanti ghall-incident li sehh u l-kawza immedjata u prossima tieghu. Ferma din il-konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell interpost mill-attur, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura jibqghu sopportati minnu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------